VERŻJONI ELETTRONIKA

A.L. 466 tal-2011

ORDINANZA DWAR SELF LOKALI (*STOCK* U TITOLI REĠISTRATI) (KAP. 161)

BDIL TA' *STOCK*

Direttiva mill-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment għall-Bdil ta' Euro 200,000,000 mill-Euro 428,885,703 5.70% *Stock* tal-Gvern ta'Malta 2012 (III) f'Euro 200,000,000 4.30% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2016 (IV)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 31(a) tal-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), Kap. 161, il-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment iddikjara li Euro 200,000,000 mill-Euro 428,885,703 5.70% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2012 (III) li għandu jitħallas lura fit-30 ta'Settembru, 2012, jista' jinbidel fi *Stock* Reġistrat li joħroġ skont id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza.

Skont l-artikoli 31(b) u 32 ta l-imsemmija Ordinanza, il-Ministru awtorizza wkoll li, għall-bdil ta' Euro 200,000,000 mill-Euro 428,885,703 5.70% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2012 (III) għandu jiġi maħluq u maħruġ *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2016 (IV) bil-4.30% kif ġej:

Mod ta' ħruġ tal-i*Stock*.

1. Il-ħruġ ta' *Stock* ser isir kif stipulat fil-prospett.

Policy dwar l-għoti tal-i*Stock*.

2. Kull detentur ta' *Stock* fil-5.70% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2012 (III) jista' japplika għall-i*Stock* 4.30% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2016 (IV). It-tqassim ta' dan l-i*Stock* isir kif hemm imfisser fil-prospett.

Negozju fil-Borża ta' Malta. Kap. 345.

3. Taħt id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar is-Swieq Finanzjarji, meta dan l-i*Stock* jiġi allokat, għandha ssir applikazzjoni sabiex l-i*Stock* jitqiegħed fuq il-lista uffiċjali u biex ikun negozjat fil-Borża ta' Malta.

Ħolqien u Ħruġ ta' *Stock* meħtieġ għal Bdil.

4. L-ammont meħtieġ għall-ħolqien u l-ħruġ tal-i*Stock* ser ikun ta' Euro 200,000,000.

Rata ta' mgħax u dati tal-ħlas.

5. (1) L-imgħax bir-rata ta' Euro 2.15 għal kull Euro 100, tal-4.30% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2016 (IV) jitħallas kull sitt xhur b'lura fis-16 ta' Frar u fis-16 ta' Awwissu ta' kull sena matul il-kors

VERŻJONI ELETTRONIKA

tal-i*Stock*.

(2) L-ewwel ħlas ta' mgħax ta' Euro 2.15 għal kull Euro 100 *Stock* li jkopri l-perjodu mis-16 ta' Awwissu, 2011 sal-15 ta' Frar, 2012 (iż-żewġ dati inklużi) isir fis-16 ta' Frar, 2012.

Fidwa ta' *Stock*.

6. Il-4.30% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2016 (IV) jiġi mifdi b'parità fis- 16 ta' Awwissu, 2016.